# Stqarrija

## Il-proġett "A Superpower to Defend Nature" jasal fi tmiemu b'viżjoni għal futur aktar inklussiv

Jintemm b'suċċess il-proġett ta' BirdLife Malta *A Superpower to Defend Nature*, iffinanzjat minn Erasmus+. Din l-inizjattiva innovattiva, li bdiet f'Jannar 2023 u damet sal-aħħar ta' Frar 2025, indirizzat nuqqas serju fl-edukazzjoni ambjentali barra mill-klassi, għal tfal b'diżabbiltajiet ta' żvilupp u tagħlim.

It-tfal b'dawn it-tip ta' diżabbiltajiet ħafna drabi jiltaqgħu ma' ostakli li jxekklu l-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet fin-natura. Dawn l-isfidi ġejjin minn nuqqas ta' riżorsi aċċessibbli, nuqqas ta' taħriġ xieraq għall-edukaturi, jew minn l-idea żbaljata li dawn it-tfal ma jistgħux jieħdu sehem b'mod sħiħ fl-edukazzjoni ambjentali. Dan il-proġett ħadem biex jegħleb dawn l-ostakli billi ħoloq riżorsi speċjalizzati li jippromwovu l-inklużjoni u l-ugwaljanza.

Dan il-proġett kien ikkoordinat minn BirdLife Malta b'kollaborazzjoni ma' sitt imsieħba internazzjonali:

- Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (CRPD, Malta)
- Sociedad Española de Ornitología (SEO, BirdLife Spanja)
- Lega Italiana Protezione Uccelli (LIPU, BirdLife Italja)
- Hellenic Ornithological Society (BirdLife Greċja)
- Idryma Prostasias Aprosarmoston Paidon I Theotokos (Theotokos Foundation, Greċja)
- Associazione Italiana Persone Down Onlus (Italja)

Permezz ta' esperjenzi b'rabta man-natura f'Malta, fil-Greċja, fl-Italja, u fi Spanja, il-proġett rawwem il-kunfidenza fit-tfal, kien ta' ispirazzjoni għall-familji u ġab flimkien il-komunitajiet.

Il-proġett ipproduċa erba' riżorsi:

1. Manwal għall-edukaturi għat-tagħlim fuq barra – "Let's make nature education more inclusive": Linji gwida biex l-edukazzjoni barra mill-

klassi tkun aktar aċċessibbli għal tfal bi bżonnijiet edukattivi speċjali (SEN).
2. Manwal għall-għalliema – "Green Adventures": Għodod għall-għalliema u Learning Support Educators (LSE) biex jorganizzaw attivitajiet edukattivi barra l-klassi fin-natura.
3. Manwal għall-familji – "Beyond Cognitive Boundaries": Ideat ta' attivitajiet biex il-familji jsaħħu r-rabta tagħhom mat-tfal u jiskopru l-benefiċċji tan-natura.
4. Vidjo ta' ispirazzjoni – "Together in Nature": Stejjer li juru kif tfal b'SEN jistgħu jgawdu n-natura, jegħlbu l-isterjotipi u jispiraw prattiki aktar inklussivi.

Billi dan il-proġett ta s-setgħa lit-tfal ikunu aktar kunfidenti, kien ta ispirazzjoni lill-familji u l-edukaturi biex iħaddnu l-inklużjoni u qajjem kuxjenza dwar ir-rwol essenzjali li dawn it-tfal jistgħu jaqdu fil-ħarsien ambjentali, tfassal il-pedament għal futur aktar inklussiv u sostenibbli.

It-tmiem tal-proġett ifisser il-bidu ta' fażi ġdida biex il-proġett ikompli jħalli l-impatt mixtieq:

- Tixrid usa' tar-riżorsi: Il-manwali u l-vidjows tal-proġett se jitqassmu permezz ta' sħubija ma' skejjel, NGOs, u organizzazzjonijiet komunitarji.
- Taħriġ għall-edukaturi: BirdLife Malta se tħarreġ edukaturi ambjentali u l-istaff tar-riżervi naturali, biex ikunu aktar kunfidenti fl-implimentazzjoni ta' attivitajiet ma' tfal b'diżabbiltajiet ta' tagħlim u żvilupp.

Permezz ta' dawn l-isforzi, '*A Superpower to Defend Nature'* se jkompli jispira bidla u joħloq opportunitajiet għal kull tifel u tifla biex jingħaqdu man-natura, jikbru personalment u jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà.

Għal aktar informazzjoni jew biex taċċessa r-riżorsi tal-proġett, ikkuntattja lil BirdLife Malta fuq education@birdlifemalta.org jew żur Welcome to A Superpower to Defend Nature | BirdLife Malta

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Cell: 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

Biex issir membru ta’ BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/